# L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta

## MIN AĦNA

L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta hija entità governattiva li tippreserva u żżomm numru sinifikanti ta' rekords dwar l-istorja ta' Malta, filwaqt li tipprovdi wkoll aċċess għalihom għar-riċerka. Ir-rekords ta' l-arkivji jiġu f'ħafna mezzi, forom, daqsijiet u formati: fajls tal-karti, ittri, volumi miktubin bl-idejn, qtugħ ta' stampa, diski stampati, ritratti, mapep, tpinġijiet arkitettoniċi, reġistrazzjonijiet ta' storja orali, mikrofilm, floppy discs, CDs, vidjows u DVDs.

Huwa post fejn in-nies jistgħu jmorru jiġbru fatti, data, u evidenza minn sorsi primarji differenti. L-Arkivji Nazzjonali jżommu waħda mill-akbar kollezzjonijiet ta' arkivji f'Malta, mis-snin 1530 sal-ġurnata tal-lum. Fl-azjendi tagħha l-kollezzjonijiet jammontaw għal madwar 24 km ta' xkaffar lineari, b'żieda ta' madwar 1 km kull sena. Dan jinkludi kważi 10,000 mappa u kollezzjoni fotografika ta' iktar minn miljun immaġini.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://nationalarchives@gov.mt/mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-20 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 3 ijiem tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *customercare.archives@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153 jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta
- Mit-Tnejn sal-Erbgħa u l-Ġimgħa: 08:00-14:00; Il-Ħamis: 10:00-14:00 & 15:00-19:30; Is-Sibt: 08:15-12:45; Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://nationalarchives@gov.mt/mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *customercare.archives@gov.mt*
- Permezz tal-midja soċjali: